Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,896, 16 ta' Ottubru, 1981

Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XLVII ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni.

ACT No. XLVII of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Insurance Business Act, 1981.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) ANTON BUTTIGIEG
President

16 ta' Ottubru, 1981

ATT Nru. XLVII ta' l-1981

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1981 dwar l-Impriża ta' l-Assigurazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

2. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "bħala prinċipal" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

3. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali, il-kliem "bħala prinċipal" għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

4. Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda l-Ministru jista', f'dawk il-każijiet jew ċirkostanzi u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa, jawtorizza koassigurazzjoni minflok riassigurazzjoni għall-finijiet ta' dan is-subartikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

5. Minnufih wara s-subartikolu (7) ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 11, 12 u 16 ta' dan l-Att, barra mis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 16, għandhom japplikaw għal kumpanniji liċenzjati bħala sensala bl-istess mod u sa l-istess limitu kif japplikaw għal kumpanniji liċenzjati biex imexxu l-impriża ta' assigurazzjoni bħala aġenti.".

6. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "u jistgħu ikunu hekk dovuti ammonti differenti minn kumpanniji li jagħmlu xorta differenti ta' impriża ta' assigurazzjoni." għandhom jidħlu l-kliem "u jistgħu jkunu preskritti ammonti differenti dwar klassijiet differenti ta' impriża ta' assigurazzjoni jew ta' kumpanniji ta' assigurazzjoni, jew minħabba ċirkostanzi differenti oħra.". Emenda ta' l-artikolu 26 ta' l-Att prinċipali.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 543 tat-12 ta' Ottubru, 1981.

CALCIDON AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati